KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fis-27 ta' Ottubru 2016 [1]

Kawżi C-414/15 P u C-415/15 P

Stichting Woonlinie,
Woningstichting Volksbelang,
Stichting Woonstede (C-414/15 P)
Stichting Woonpunt,
Woningstichting Haag Wonen,
Stichting Woonbedrijf (C-415/15 P)
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Artikolu 108 TFUE — Eżami tal-iskemi ta' għajnuna eżistenti — Skema ta' għajnuna Olandiża favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikolu 19(1) — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li għamlet vinkolanti l-impenji meħuda mill-Istat Membru — Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju"

Introduzzjoni

1. Permezz ta' dawn l-appelli, sitt kumpanniji appellanti [2] jitolbu l-annullament ta' żewġ digrieti tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tat-12 ta' Mejju 2015, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni [3], u tat-12 ta' Mejju 2015, Stichting Woonput *et* vs Il-Kummissjoni [4] (iktar 'il quddiem id-"digrieti appellati"), li permezz tagħhom hija ċaħdet ir-rikorsi tagħhom għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9963 finali, tal-15 ta' Diċembru 2009, dwar l-għajnuna mill-Istat E 2/2005 u N 642/2009 – il-Pajjiżi l-Baxxi – Għajnuna eżistenti u għajnuna speċifika permezz ta' proġetti għall-benefiċċju ta' kumpanniji ta' akkomodazzjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

2. Dawn l-appelli, ifformulati f'termini identiċi, li jiġġustifika li jiġu eżaminati flimkien, jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tidħol fid-dettall tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li japprovaw l-impenji meħuda minn Stat Membru fir-rigward ta' skema ta' għajnuna eżistenti.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Tliet appellanti, Stichting Allee Wonen, Stichting WoonInvest (Kawża C-414/15 P) u Stichting Havensteder (Kawża C-415/15 P), irtiraw l-appelli tagħhom.

3 — T-202/10 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2015:287.

4 — T-203/10 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2015:286.

Il-kuntest ġuridiku

3. Il-proċedura ta' eżami ta' skemi ta' għajnuna eżistenti hija rregolata mill-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999[5].

4. L-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 659/1999 jipprovdi dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tikseb mill-Istati Membri kkonċernati l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-analiżi mill-ġdid, f'koperazzjoni mal-Istat Membru, ta' skemi ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu [108](1) [TFUE].

2. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li skema ta' għajuna eżistenti m'hijiex, jew m'għadhiex, kompatibbli mas-suq komuni, għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar l-opinjoni preliminarja tagħha u tagħti lill-Istat Memrbu kkonċernat l-opportunità li jissottometti l-kummenti tiegħu fi żmien xahar. F'każijiet ġustifikati, il-Kummissjoni tista testendi dan il-perjodu".

5. L-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament jipprovdi dan li ġej:

"Fejn il-Kummissjoni, fid-dawl tal-informazzjoni sottomessa mill-Istat Membru skont l-Artikolu 17, tikkonkludi li l-iskema ta' għajnuna eżistenti m'hijiex, jew m'għadhiex, kompatibbli mas-suq komuni, għandha toħroġ rakommandazzjoni li tipproponi miżuri xierqa lill-Istat Membru kkonċernat. Ir-rakommandazzjoni tista' tipproponi, b'mod partikolari:

(a) emenda sustantiva ta' l-iskema ta' għajnuna; jew

(b) introduzzjoni ta' ħtiġijiet proċedurali; jew

(ċ) abolizzjoni ta' l-iskema ta' għajnuna".

6. L-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 659/1999 jistabbilixxi dan li ġej:

"1. Fejn l-Istat Membru kkonċernat jaċċetta l-miżuri proposti u jinforma lill-Kummissjoni dwarhom, il-Kummissjoni għandha tirreġistra dik is-sejba u tinforma lill-Istat Membru dwarha. L-Istat Membru għandu jkun marbut bl-aċċettazzjoni tagħha li jimplimenta l-miżuri xierqa.

2. Fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jaċċettax il-miżuri proposti u l-Kummissjoni, wara li tkun ikkunsidrat l-argumenti tal-Istat Membru kkonċernat, għandha tikkonsidra li dawk il-miżuri huma meħtieġa, għandha tibda l-proċeduri skont l-Artikolu 4(4). L-Artikoli 6, 7 u 9 għandhom japplikaw mutatis mutandis".

Il-fatti li waslu għall-kawża

Id-deċiżjoni kontenzjuża

7. Iċ-ċirkustanzi li fihom ġiet adottata d-deċiżjoni kontenzjuża, kif jirriżultaw mill-punti 1 sa 12 u 39 sa 40 tad-digrieti appellati, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

5 — Regolament tal-Kunsill, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [87 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 1 p. 339). Ir-Regolament il-ġdid tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9), li ma japplikax għal dan il-każ *ratione temporis*, jinkludi dispożizzjonijiet analogi (Artikoli 21 sa 23).

8. L-appellanti huma kumpanniji ta' akkomodazzjoni woningcorporaties, iktar 'il quddiem il-'wocos') stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-wocos huma organi mingħajr skop ta' lukru li għandhom il-funzjoni li jixtru, jibnu u joffru għall-kiri bini residenzjali intiż essenzjalment għal persuni żvantaġġati u għal gruppi soċjalment żvantaġġati. Il-wocos jeżerċitaw ukoll attivitajiet kummerċjali oħra.

9. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu sistema ta' finanzjament tal-akkomodazzjoni soċjali li tipprovdi għajnuna favur il-wocos.

10. Fl-14 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni bagħtet lill-awtoritajiet Olandiżi ittra skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 659/1999, fejn ikklassifikat din is-sistema bħala skema ta' għajnuna eżistenti u esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

11. Wara li ntbagħtet din l-ittra, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Olandiżi bdew il-proċedura ta' kooperazzjoni sabiex l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni titqiegħed f'konformità mal-Artikolu 106(2) TFUE.

12. Fi tmiem tal-konsultazzjoni, il-Kummissjoni pproponiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 659/1999, il-miżuri utli segwenti intiżi sabiex jiżguraw il-konformità tal-iskema ta' għajnuna: (i) il-limitazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali għal grupp partikolari ddefinit b'mod ċar ta' persuni żvantaġġati jew gruppi soċjalment żvantaġġati; (ii) l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet kummerċjali fil-kundizzjonijiet tas-suq, l-attivitajiet ta' servizz pubbliku u l-attivitajiet kummerċjali għandhom ikunu suġġetti għal awditjar distint u għal stħarriġ xieraq; (iii) l-addattament tal-offerta ta' akkomodazzjoni soċjali għat-talba ta' persuni żvantaġġati jew ta' gruppi soċjalment żvantaġġati.

13. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Diċembru 2009, l-awtoritajiet Olandiżi aċċettaw il-miżuri utli proposti mill-Kummissjoni, impenjaw irwieħhom li jirriformaw is-sistema ta' finanzjament tal-wocos u bagħtu lill-Kummissjoni l-abbozz tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kkonċernati.

14. Fil-15 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 659/1999, adottat id-deċiżjoni kontenzjuża.

15. Il-miżuri previsti minn din id-deċiżjoni huma s-segwenti: (a) l-Istat jiżgura self mogħti għall-bini tal-akkomodazzjoni soċjali; (b) għajnuna mill-Fond ċentrali tal-akkomodazzjoni, għajnuna skont il-proġett jew għajnuna għar-razzjonalizzazzjoni fil-forma ta' self b'rati preferenzjali jew ta' sussidji diretti; (ċ) bejgħ mill-muniċipalitajiet ta' artijiet bi prezzijiet iktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq; (d) id-dritt li jingħata self mill-Bank Nederlandse Gemeenten (bank tal-muniċipalitajiet Olandiżi).

16. Fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kklassifikat kull waħda minn dawn il-miżuri bħala għajnuna mill-Istat [6] u qieset li s-sistema ta' finanzjament tal-wocos tikkostitwixxi għajnuna eżistenti. Hija indikat li l-awtoritajiet Olandiżi kienu marbuta li jemendaw din is-sistema billi jippreżentaw abbozz ta' regoli ġodda. Il-Kummissjoni kkonkludiet, wara l-eżami ta' dan l-abbozz, li dan tal-aħħar kien kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE u, konsegwentement, irreġistrat l-impenji aċċettati mill-awtoritajiet Olandiżi, skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999.

Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17. Fid-29 u 30 ta' April 2010, l-appellanti ppreżentaw ir-rikorsi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

6 — Fit-30 ta' Awwissu 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2010) 5841 finali dwar l-għajnuna mill-Istat E 2/2005, li temenda l-punti 22 sa 24 tad-deċiżjoni kkontestata, fis-sens li hija ma setgħetx tikkonkludi li l-miżura dwar id-dritt li jingħata self mill-Bank tal-muniċipalitajiet Olandiżi tissodisfa l-kriterji kollha ta' għajnuna mill-Istat.

18. Permezz ta' żewġ digrieti li hija tat fis-16 ta' Diċembru 2011, fil-kawżi Stichting Woonline *et* vs Il-Kummissjoni [7] kif ukoll Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni [8], il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn ir-rikorsi bħala inamissibbli, minħabba nuqqas ta' interess individwali tal-appellanti.

19. L-appellanti ppreżentaw appelli minn dawn id-digrieti.

20. Permezz ta' żewġ sentenzi li hija tat fis-27 ta' Frar 2014, fil-kawżi Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni [9] u Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni [10], il-Qorti tal-Ġustizzja annullat dawn id-digrieti.

21. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-appellanti ma kinux ikkonċernati individwalment mid-deċiżjoni kontenzjuża (punti 44 sa 51 ta' dawn is-sentenzi).

22. Meta ddeċidiet b'mod definittiv dwar l-ammissibbiltà tar-rikors, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-appellanti għandhom interess ġuridiku, peress li l-modifika tal-iskema ta' għajnuna tirrendi l-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom inqas favorevoli u li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża jkollu l-effett li jinżammu l-kundizzjonijiet preċedenti (punti 56 u 57 tal-imsemmija sentenzi). Insegwitu l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-deċiżjoni kontenzjuża tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-appellanti, peress li hija tagħmel vinkolanti l-proposti tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, konformement mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 (punti 59 sa 61 tal-istess sentenzi).

23. Peress li kkonstatat li minn naħa, l-appellanti għandhom interess ġuridiku kontra d-deċiżjoni kontenzjuża u min-naħa l-oħra li huma individwalment u direttament ikkonċernati minn din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ir-rikorsi ammissibbli u rrinvijat il-kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu.

24. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar ir-rinviju permezz tad-digrieti appellati.

25. Insostenn tar-rikorsi, l-appellanti kienu qajmu tmien motivi, identiċi fiż-żewġ rikorsi.

26. Fil-punti 43 sa 53 tad-digrieti appellati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel motiv ibbażat, essenzjalment, fuq il-klassifikazzjoni żbaljata ta' għajnuna mill-Istati tal-miżura (ċ) dwar il-bejgħ ta' artijiet, imsemmija fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet, li ma ġiex riprodott fl-appelli.

27. Fil-punti 55 sa 88 tad-digrieti appellati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala manifestament infondati t-tieni sas-seba' motivi bbażati fuq allegati żbalji ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-istħarriġ tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni.

28. Qabelxejn il-Qorti Ġenerali fakkret il-ġurisprudenza tagħha [11] li tipprovdi li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa fil-qasam, b'tali mod li l-istħarriġ li hija għandha tagħmel huwa limitat sabiex tivverifika li l-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li l-impenji meħuda mill-Istat Membru kkonċernat huma ta' natura li jsolvu l-problemi ta' kompetizzjoni li tqajjem l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni.

7 — T-202/10, mhux ippubblikata, EU:T:2011:765.

8 — T-203/10, mhux ippubblikata, EU:T:2011:766.

9 — C-132/12 P, EU:C:2014:100.

10 — C-133/12 P, EU:C:2014:105.

11 — Sentenza tal-11 ta' Marzu 2009, TF1 vs Il-Kummissjoni (T-354/05, EU:T:2009:66, punti 188 u 189).

29. F'dan ir-rigward, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala ineffettivi l-argumenti tal-appellanti bbażati fuq l-evalwazzjoni inkompleta tal-Kummissjoni tas-sistema ta' għajnuna preċedenti għall-impenji meħuda mill-awtoritajiet Olandiżi. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dawn l-argumenti ma jirrigwardawx id-deċiżjoni kontenzjuża iżda fir-realtà jikkontestaw l-eżami ta' din is-sistema preċedenti, magħmula mill-Kummissjoni fl-ittra tal-14 ta' Lulju 2005 u li għalhekk ma jinsabux fid-deċiżjoni kontenzjuża, b'tali mod li jaqgħux fl-istħarriġ magħmul mill-Qorti Ġenerali f'dan il-każ.

30. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala manifestament infondati l-argumenti tal-appellanti li l-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenza tagħha billi talbet ċerti miżuri utli. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-miżuri utli proposti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-istħarriġ tal-iskemi ta' għajnuna eżistenti jikkostitwixxu biss proposti, li saru vinkolanti minħabba l-fatt li ġew aċċettati mill-awtoritajiet Olandiżi.

31. Fl-aħħar nett, fil-punti 89 sa 97 tad-digrieti appellati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala manifestament infondat it-tmien motiv, ibbażat fuq abbuż tal-proċedura u konsegwentement, ċaħdet ir-rikorsi bħala manifestament infondati.

It-talbiet tal-partijiet

32. Permezz tat-talbiet tagħhom, identiċi fiż-żewġ appelli, l-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digrieti appellati, li tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u li tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

33. Il-Kummissjoni titlob, prinċiparjament, li l-appelli jiġu miċħuda u li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

34. Sussidjarjament, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appelli, il-Kummissjoni tqis, minn naħa, li ma hemmx lok li jiġu annullati d-digrieti appellati peress li, f'kull kawża, l-ewwel motiv fl-ewwel istanza ġie miċħud u ma ġiex riprodott fl-istadju tal-appell, u, min-naħa l-oħra, li jkun xieraq li l-kawża tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali.

Analiżi tal-appelli

35. Insostenn tal-appelli tagħhom, l-appellanti jqajmu żewġ aggravji, identiċi fiż-żewġ appelli, diretti, l-ewwel wieħed kontra l-motivi tad-digrieti appellati li jipprovdu li l-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali f'dan il-każ ma jestendix għall-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna qabel il-modifika tagħha (punti 56 sa 60, 69 sa 74, 81 sa 82 u 86 sa 87 tad-digrieti appellati) u t-tieni, kontra l-motivi li jipprovdi li dan l-istħarriġ ma jestendix għall-evalwazzjonijiet dwar il-miżuri utli li saru vinkolanti bid-deċiżjoni kontenzjuża (punti 61 sa 66, 78 sa 80 u 90 sa 95 tad-digrieti appellati). Skont l-appellanti, dawn il-motivi huma vvizzjati minn żball ta' liġi, minn "evalwazzjoni żbaljata tal-fatti" u minn nuqqas ta' motivazzjoni.

36. Iż-żewġ aggravji tal-appelli jikkritikaw l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali dwar l-istħarriġ ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999, li jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-possibbiltà li teżamina din il-problema b'mod globali.

Fuq l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999

Osservazzjonijiet preliminari

37. Fil-qasam tal-istħarriġ ta' għajnuna mill-Istat, ir-regoli ta' proċedura jvarjaw skont jekk il-miżuri humiex għajnuna eżistenti jew għajnuna ġdida. L-Artikolu 108(1) TFUE jagħti għalhekk kompetenza lill-Kummissjoni sabiex tipproċedi għall-eżami permanenti tal-iskemi ta' għajnuna eżistenti. Bid-differenza għall-istħarriġ tal-għajnuna ġdida, dan l-eżami jirrigwarda biss l-iskemi ta' għajnuna u huwa prospettiv, billi huwa intiż, jekk ikun il-każ, sabiex jimmodifika jew jipprojbixxi l-iskema kkonċernata għall-futur.

38. Skont l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999, dan l-eżami jiżvolġi f'diversi stadji. L-ewwel nett, jekk il-Kummissjoni tqis li skema ta' għajnuna eżistenti ma hijiex, jew ma għadhiex iktar, kompatibbli mas-suq intern, hija tippermetti lill-Istat Membru jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu (Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament). It-tieni nett, fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tindirizza lill-Istat Membru proposta ta' miżuri utli (Artikolu 18 tal-imsemmi regolament) [12]. Jekk l-Istat Membru jaċċetta l-miżuri proposti, il-Kummissjoni tirreġistrahom u tagħlaq il-proċedura prevista mill-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 (Artikolu 19(1) ta' dan ir-regolament). Fin-nuqqas ta' tali aċċettazzjoni, il-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali (Artikolu 19(2) tal-istess regolament).

39. Fil-kawża li tat lok għas-sentenza TF1 vs Il-Kummissjoni [13], il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, meta ċaħdet il-pożizzjoni kuntrarja difiża mill-Kummissjoni, li l-att li permezz tiegħu din tal-aħħar tirreġistra l-impenji tal-Istat Membru, skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999, jikkostitwixxi deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata. Il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni u l-Istat Membru jista' ċertament ikollhom skambji fir-rigward tal-miżuri utli proposti. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, huwa biss meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li taċċetta l-impenji tal-Istat Membru bħala li jissodisfaw il-preokkupazzjonijiet tagħha li dawn l-impenji jsiru vinkolanti, u l-proċedura tintemm.

40. Din l-interpretazzjoni kienet ikkonfermata fis-sentenzi Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni [14] u Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni [15]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-deċiżjoni kontenzjuża, ibbażata fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999, tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-appellanti, peress li tirrendi vinkolanti l-impenji meħuda mill-awtoritajiet Olandiżi.

41. Fid-digrieti appellati, mogħtija wara rinviju, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikorsi. Insegwitu, fir-rigward tal-mertu, il-Qorti Ġenerali qieset li l-maġġor parti tal-motivi u argumenti ppreżentati mill-appellanti kienu ineffettivi jew jistgħu jiġu skartati mill-bidu, għar-raġuni li jikkontestaw evalwazzjonijiet li ma jinstabux fid-deċiżjoni kontenzjuża [16]. Għalhekk il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-allegati evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-iskema ta' għajnuna qabel il-modifika tagħha kif ukoll mal-portata tal-miżuri utli ma jaqgħux taħt l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat f'dan il-każ.

12 — Il-Qorti Ġenerali kkonstatat in-natura li ma tistax tiġi kkontestata ta' din il-proposta. Ara s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1996, Salt Union vs Il-Kummissjoni (T-330/94, EU:T:1996:154, punt 35), u d-digriet tal-14 ta' Mejju 2009, US Steel Košice vs Il-Kummissjoni (T-22/07, mhux ippubblikata, punt 55).

13 — Sentenza tal-11 ta' Marzu 2009 (T-354/05, EU:T:2009:66, punti 60 sa 81, u b'mod partikolari, punti 69 sa 70).

14 — Sentenza tas-27 ta' Frar 2014 (C-132/12 P, EU:C:2014:100, punti 72 sa 74).

15 — Sentenza tas-27 ta' Frar 2014 (C-133/12 P, EU:C:2014:105, punti 59 sa 61).

16 — Ara l-punti 28 sa 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42. Fl-appelli tagħhom, l-appellanti jikkontestaw il-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju ddefiniti mid-digrieti appellati, billi jsostnu li l-adozzjoni ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 timplika li s-sitwazzjoni preċedenti ma kinitx kompatibbli mat-Trattat. Skont l-appellanti, tali deċiżjoni tinkludi għalhekk neċessarjament evalwazzjoni tal-iskema ta' għajnuna qabel il-modifika tagħha, sabiex ikun magħruf jekk humiex neċessarji miżuri sabiex jirrendu din l-iskema ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern u fl-affermattiv, jiddeterminaw in-natura tal-imsemmija miżuri modifikattivi.

43. Minkejja l-pożizzjoni tagħha fil-proċeduri preċedenti [17], il-Kummissjoni ma għandhiex tipprevalixxi ruħha mill-assenza ta' atti li jistgħu jiġu kkontestati. Hija ssostni madankollu li, fid-dawl tan-natura partikolari tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-kontenut tagħha għandu jkun limitat għall-klassifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni bħala li jappartjenu għal skema ta' għajnuna eżistenti, kif ukoll għall-kwistjoni dwar jekk l-impenji meħuda mill-Istat Membru kkonċernat humiex suffiċjenti sabiex jirrendu din l-iskema kompatibbli mas-suq intern.

44. Mill-banda l-oħra, skont il-Kummissjoni, huma esklużi minn dan l-istħarriġ, minn naħa, il-preokkupazzjonijiet espressi dwar l-inkompatibbiltà ta' din l-iskema qabel il-modifika tagħha, u min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk jeżistux miżuri xierqa oħra, inqas vinkolanti għall-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna. Il-Kummissjoni targumenta li hija ma tippronunzjax ruħha dwar dawn iż-żewġ aspetti, iżda taċċetta biss l-impenji meħuda mill-Istat Membru, wara li tkun ivverifikat jekk dawn tal-aħħar humiex suffiċjenti sabiex jirrendu l-iskema inkwistjoni kompatibbli mas-suq intern.

45. L-argumenti tal-partijiet juru għalhekk nuqqas ta' qbil dwar jekk l-istħarriġ ġudizzjarju jestendix għall-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar, minn naħa, il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-iskema ta' għajnuna qabel il-modifika tagħha, u min-naħa l-oħra, dwar il-miżuri utli resi vinkolanti permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża.

Fuq l-istħarriġ ġudizzjarju tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna

46. Nosserva li l-proċedura prevista fl-Artikolu 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 hija intiża, jekk ikun il-każ, sabiex timmodifika jew tipprojbixxi skema ta' għajnuna eżistenti. L-inizjattiva ta' din il-proċedura tappartjeni lill-Kummissjoni, li għandha marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli f'dan ir-rigward [18]. Il-ftuħ tal-proċedura jimplika madankollu, skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 659/1999, li jitqies li l-iskema kkonċernata ma hijiex – jew ma għadhiex iktar – kompatibbli mas-suq intern.

47. Fl-opinjoni tiegħi, din l-evalwazzjoni, li ċertament hija provviżorja fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura inkwistjoni, hija kkonfermata meta l-Kummissjoni tagħlaq din il-proċedura permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999. Fil-fatt, billi tadotta tali deċiżjoni, il-Kummissjoni tippronunzja ruħha dwar jekk l-impenji meħuda mill-Istat Membru jissodisfawx il-preokkupazzjonijiet tagħha dwar l-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern. Issa, sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni, il-Kummissjoni għandha minn qabel tiddefinixxi liema huma l-preokkupazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999, li tirrendi vinkolanti l-modifikazzjonijiet tal-iskema ta' għajnuna aċċettati mill-Istat Membru, hija bbażata għalhekk neċessarjament fuq l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inkompatibbiltà tal-iskema eżistenti minn qabel.

17 — Fil-kuntest tal-Kawżi C-132/12 P u C-133/12 P.

18 — Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali preċedenti għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 659/1999, l-inizjattiva f'dan ir-rigward taqa' fuq il-Kummissjoni, b'tali mod li l-kompetitur ta' benefiċjarju ta' skema ta' għajnuna eżistenti ma jistax jikkontesta r-rifjut tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura. Ara s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1996, Salt Union vs Il-Kummissjoni (T-330/94, EU:T:1996:154, punti 35 u 37).

48. Jekk din l-evalwazzjoni ma tistax, minħabba n-natura provviżorja tagħha, tkun suġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju fl-istadju tal-ftuħ tal-proċedura, hija għandha tkun suġġetta għalihom fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra l-att li jagħlaq din il-proċedura.

49. Fil-fatt, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tillimita l-possibbiltà li jiġi kkontestat att intermedjarju hija bbażata fuq il-premessa li l-illegalità ta' tali att tista' tkun invokata insostenn ta' rikors kontra d-deċiżjoni finali li tagħha huwa jikkostitwixxi att ta' elaborazzjoni u li, f'tali ċirkustanzi, ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni li ttemm il-proċedura jiżgura protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti [19].

50. Bl-istess mod, f'dan il-każ, l-esklużjoni definittiva tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-evalwazzjoni kontenuta f'att intermedjarju li permezz tiegħu l-Kummissjoni tikkonstata, skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 659/1999, li l-iskema ta' għajnuna ma hijiex jew ma għadhiex kompatibbli mas-suq intern toħloq lakuna fil-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' terzi interessati, jiġifieri l-benefiċjarji ta' din l-iskema.

51. Barra minn hekk, ftit huwa importanti li l-evalwazzjoni inkwistjoni tkun espressa f'att distint mid-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura, jiġifieri f'ittra mibgħuta lill-Istat Membru skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 659/1999. Fil-fatt, sa fejn deċiżjoni finali tal-Kummissjoni tikkonferma purament u sempliċement il-pożizzjoni espressa preliminarjament, din il-pożizzjoni tista' tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni finali [20].

52. Il-fatt invokat mill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni kkonċernata ma hijiex ifformulata f'termini definittivi lanqas ma jeskludi l-istħarriġ tagħha minn qorti [21].

53. Din il-kunsiderazzjoni għandha, mill-banda l-oħra, effett fuq il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll fuq l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju.

54. Fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni, ladarba l-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà ta' skema ta' għajnuna eżistenti espressa fl-istadju tal-ftuħ tal-proċedura ma hijiex ikkontestata mill-Istat Membru, il-Kummissjoni lanqas ma hija obbligata tippreċiża l-motivi ta' din l-inkompatibbiltà fid-deċiżjoni tagħha meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 u tista' sempliċement tikkonferma din l-evalwazzjoni provviżorja. Fil-fatt, huwa suffiċjenti li l-motivi inkwistjoni jippermettu li jinftiehmu l-preokkupazzjonijiet espressi mill-Kummissjoni kif ukoll il-miżuri modifikattivi proposti.

19 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni (60/81, EU:C:1981:264, punt 12); tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot f'dawn il-kawżi magħquda (C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:445, punt 76).

20 — Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2014, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-385/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2350, punt 116), u tal-11 ta' Ġunju 2015, Laboratoires CTRS vs Il-Kummissjoni (T-452/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:373, punt 60). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni (C-162/15 P, EU:C:2016:587, punt 79).

21 — Nosserva li d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali tista' tikkostitwixxi att li jista' jkun suġġett għal appell skont l-Artikolu 263 TFUE, peress li hija għandha effetti legali awtonomi, anki jekk l-evalwazzjonijiet li jsirulha ma għandhomx natura definittiva. Ara s-sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-400/99, EU:C:2001:528, punti 62 u 69), kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Guipúzcoa *et* vs Il-Kummissjoni (T-269/99, T-271/99 u T-272/99, EU:T:2002:258, punti 38 sa 40).

55. Fir-rigward tal-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju, nosserva li l-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna ma għandhiex natura definittiva fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura. F'dan l-istadju huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi l-eżistenza tal-preokkupazzjonijiet dwar l-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna li jiġġustifikaw il-proposti intiżi għall-modifika jew il-projbizzjoni ta' din l-iskema ta' għajnuna. Fid-dawl ta' din iċ-ċirkustanza, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-imsemmija evalwazzjonijiet, fil-kuntest ta' rikors kontra deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 għandu, fl-opinjoni tiegħi, ikun ristrett [22].

56. Inqis għalhekk li l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' skema ta' għajnuna eżistenti huma suġġetti għall-istħarriġ ġudizzjarju fil-kuntest ta' appell kontra deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999. Fid-dawl tan-natura tal-proċedura kkonċernata, dan l-istħarriġ huwa madankollu limitat għal verifika tal-punt dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx tistabbilixxi, mingħajr ma twettaq żball manifest, l-eżistenza ta' preokkupazzjonjiet dwar l-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern, li jiġġustifikaw il-miżuri utli proposti.

Fuq l-istħarriġ tal-evalwazzjonijiet dwar il-miżuri utli

57. Permezz tat-tieni aggravju invokat insostenn tal-appell, ir-rikorrenti jsostnu li hija l-Kummissjoni li għandha tiddetermina jekk għandhomx jiġu proposti miżuri utli sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern, u fl-affermattiv, liema għandhom ikunu dawn il-miżuri utli. Huma jqisu għalhekk li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-neċessità u l-estensjoni tal-miżuri utli jagħmlu parti mid-deċiżjoni kontenzjuża u għandhom ikunu suġġetti għall-istħarriġ ġudizzjarju.

58. Il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment. li hija għandha tiżgura li l-impenji meħuda mill-Istat Membru huma suffiċjenti sabiex jirrendu l-iskema ta' għajnuna kompatibbli u li, ladarba l-imsemmi Stat Membru jaċċetta l-miżuri utli, ma hijiex hija li għandha tara jekk jeżistux miżuri xierqa oħra, inqas vinkolanti għall-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna.

59. Nosserva li d-dibattitu bejn il-partijiet jirrigwarda, essenzjalment, il-kwistjoni dwar jekk, qabel tirreġistra l-impenji aċċettati mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandhiex mhux biss tiddetermina li dawn l-impenji huma suffiċjenti sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern, iżda wkoll tiżgura li dawn l-impenji huma indispensabbli u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju. Fi kliem ieħor, il-partijiet jiddibattu dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex tivverifika n-natura proporzjonata tal-miżuri utli, b'mod partikolari, fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna.

60. Bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' proporzjonalità jikkostitwixxi kriterju tal-legalità ta' kull att tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni [23]. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tiżgura li l-effetti ġuridiċi tad-deċiżjoni tagħha meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ma jmorrux kontra dan il-prinċipju.

61. Madankollu, sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut preċiż tal-obbligu li għandha l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-proċedura kkonċernata.

22 — Nosserva li, jekk twettaq stħarriġ komplut, il-qorti tal-Unjoni tiddeċiedi dwar kwistjonijiet li kienu biss suġġetti għal evalwazzjoni provviżorja tal-Kummissjoni u li dwarhom, minħabba l-assenza ta' kontestazzjoni, il-Kummissjoni ma kinitx marbuta tiddeċiedi b'mod definittiv. Ara, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' ftuħ ta' investigazzjoni formali, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Guipúzcoa *et* vs Il-Kummissjoni (T-269/99, T-271/99 u T-272/99, EU:T:2002:258, punti 48 u 49). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-400/99, EU:C:2001:528, punti 48 u 54).

23 — Ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Maatschap Schonewille-Prins (C-45/05, EU:C:2007:296, punt 45).

62. Fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-obbligi li għandha l-Kummissjoni skont il-prinċipju ta' proporzjonalità għandhom portata u kontenut differenti fil-kuntest tad-deċiżjonijiet li jikkonstataw ksur u deċiżjonijiet ta' impenn meħuda abbażi tal-Artikoli 7 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [24] rispettivament.

63. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' impenn, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa limitat sabiex jivverifika jekk l-impenji proposti mill-impriżi kkonċernati jissodisfawx il-preokkupazzjonijiet tagħha dwar il-kompetizzjoni u jekk dawn tal-aħħar ma offrewx impenji inqas vinkolanti, jew inqas xierqa. Għalkemm il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' terzi, l-istħarriġ ġudizzjarju jirrigwarda biss il-punt dwar jekk l-evalwazzjoni li għaliha waslet il-Kummissjoni hijiex manifestament żbaljata [25].

64. Bl-istess mod, f'dan il-każ, il-portata tal-obbligu intiż sabiex jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità għandha tkun iddeterminata skont ir-rwol li għandha l-Kummissjoni.

65. Inqis li r-rwol prinċipali tal-Kummissjoni, meta hija tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999, jikkonsisti fil-verifika dwar jekk l-impenji meħuda mill-Istat Membru jiżgurawx il-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li r-restrizzjonijiet ta' kompetizzjoni li jirriżultaw mill-iskema ta' għajnuna, kif immodifikata, humiex proporzjonati fid-dawl tal-għanijiet li jridu jintlaħqu. Mill-banda l-oħra, ma għandhiex teżamina jekk jeżistux miżuri utli oħra li huma inqas vinkolanti għall-Istat Membru kkonċernat u għall-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna.

66. Dan it-tqassim tar-rwoli jirriżulta min-natura partikolari tal-proċedura prevista fl-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 659/1999 li hija bbażata fuq konsultazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat u li twassal għall-aċċettazzjoni ta' impenji minn dan tal-aħħar.

67. B'mod differenti minn deċiżjoni li l-Kummissjoni tadotta fit-tmiem ta' proċedura ta' investigazzjoni formali ta' għajnuna mill-Istat, il-kontenut ta' miżuri speċifiċi rreġistrati permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 hija r-riżultat ta' kunsens bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

68. Fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet intiżi sabiex jistabbilixxu dan il-kunsens, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tingħata risposta li tissodisfa l-preokkupazzjonijiet tagħha dwar il-kompetizzjoni. Huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jiżgura li l-impenji meħuda ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju kemm fid-dawl tal-interessi proprji tiegħu, kif ukoll fid-dawl tal-eventwali interessi leġittimi tal-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna.

69. Jekk, fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet mal-Istat Membru, il-Kummissjoni jkollha tiżgura, fl-istess waqt, li l-impenji meħuda huma suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-preokkupazzjonijiet tagħha dwar il-kompetizzjoni u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jissodisfaw dawn, allura r-rwol tagħha waqt dawn il-konsultazzjonijiet ikun simili għal dak li hija għandha fi proċedura ta' deċiżjoni normali, u li jikkontesta għalhekk in-natura konsenswali tal-proċedura kkonċernata f'dan il-każ.

24 — Regolament tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

25 — Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Alrosa (C-441/07 P, EU:C:2010:377, punti 38 sa 42). Billi segwiet raġunament simili, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fil-kuntest ta' deċiżjonijiet li jiddikjaraw għajnuna kompatibbli taħt ċerti kundizzjonijiet, tvarja skont jekk il-kundizzjonijiet kinux imposti mill-Kummissjoni jew jirriżultawx mill-impenji li ħa volontarjament l-Istat Membru. Ara s-sentenzi tat-8 ta' April 2014, ABN Amro Group vs Il-Kummissjoni (T-319/11, EU:T:2014:186, punti 72 sa 82); tas-17 ta' Lulju 2014, Westfälisch-Lippischer Sparkassen- und Giroverband vs Il-Kummissjoni (T-457/09, EU:T:2014:683, punti 347 sa 351), kif ukoll tat-12 ta' Novembru 2015, HSH Investment Holdings Coinvest-C u HSH Investment Holdings FSO vs Il-Kummissjoni (T-499/12, EU:T:2015:840, punti 108 sa 113).

70. Inqis, konsegwentement, li l-Kummissjoni ma għandhiex tivverifika, qabel ma tagħmel vinkolanti l-impenji aċċettati mill-Istat Membru billi tadotta deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999, jekk il-miżuri previsti minn dawn l-impenji humiex neċessarji, billi teżamina jekk jeżistux miżuri utli oħra li huma inqas vinkolanti għall-Istat Membru kkonċernat u għall-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna. L-istħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni ma jirrigwardax għalhekk dan l-aspett.

Evalwazzjoni tal-aggravji tal-appelli fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti

Dwar l-ewwel aggravju

71. Permezz tal-ewwel aggravju, identiku fiż-żewġ appelli, l-appellanti jikkritikaw, billi b'mod partikolari jinvokaw żball ta' ligi, il-punti 56 sa 60, 69 sa 74, 81 sa 82 u 86 sa 87 tad-digrieti appellati.

72. Permezz tal-motivi kkontestati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala ineffettivi l-argumenti tal-appellanti, invokati fil-kuntest tat-tieni sas-seba' motiv tar-rikors tal-ewwel istanza, li jipprovdu li l-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni inkompleta u ineżatta għal dak li jirrigwarda l-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna kkonċernata qabel il-modifika tagħha. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat f'dan il-każ ma jestendix għall-eżami mwettaq mill-Kummissjoni tal-iskema ta' għajnuna preċedenti għall-impenji meħuda (punti 59, 73, 82 u 87 tad-digrieti appellati).

73. Issa, kif jirriżulta mill-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet, dan il-motiv huwa vvizzjat minn żball ta' liġi. Fil-fatt, hija l-Qorti Ġenerali li għandha teżamina l-fondatezza tal-argumenti tal-appellanti u tivverifika jekk il-Kummissjoni setgħetx, mingħajr ma twettaq żball manifest, tikkonstata l-preokkupazzjonijiet dwar il-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern, li jiġġustifikaw il-miżuri utli proposti.

74. Minn dan isegwi li l-ewwel aggravju huwa fondat.

Fuq it-tieni aggravju

75. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jikkritikaw, billi jinvokaw b'mod partikolari żball ta' liġi u nuqqas ta' motivazzjoni, il-motivi li jinsabu fil-punti 61 sa 66, 78 sa 80 u 90 sa 95 tad-digrieti appellati.

76. Permezz ta' dawn il-motivi, il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżami tat-tieni, ir-raba', is-sitt u t-tmien motiv tar-rikors tal-ewwel istanza, skartat bħala manifestament infondati l-argumenti tal-appellanti magħmula kontra l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-miżuri magħmula vinkolanti bid-deċiżjoni kontenzjuża.

77. Il-Qorti Ġenerali rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-Istat Membru jista' jaċċetta jew jirrifjuta l-miżuri utli proposti mill-Kummissjoni u li għalhekk hija l-aċċettazzjoni ta' dawn il-miżuri mill-awtoritajiet Olandiżi li tagħmilhom vinkolanti (punti 65 u 79 tad-digrieti appellati). Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-kuntest tal-eżami tat-tmien motiv tar-rikors tal-ewwel istanza, li l-portata tal-miżuri kkonċernati kienet iddefinita mhux mill-Kummissjoni iżda mill-awtoritajiet Olandiżi, fl-impenji tagħhom (punt 95 tad-digrieti appellati).

78. Dawn il-motivi jidhirli li jistgħu jiġu kkritikati peress li jħallu li jinftiehem li l-Kummissjoni ma tgawdi ebda rwol fid-determinazzjoni tal-miżuri previsti mill-impenji meħuda mill-Istat Membru, u li hija l-aċċettazzjoni ta' dawn il-miżuri minn dan l-Istat Membru li tagħmilhom vinkolanti. Nosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li hija d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirreġistra l-impenji tal-Istat

Membru li tipproduċi effetti legali vinkolanti f'dan ir-rigward [26].

79. Madankollu, anki jekk il-motivi li jinsabu fil-punti 65, 79 u 95 tad-digrieti appellati kellhom jitqiesu bħala li huma vvizzjati minn żball ta' liġi, fi kwalunkwe każ għandha tiġi kkonfermata l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-argumenti tal-appellanti għandhom ikunu skartati, peress li jikkontestaw in-neċessità u n-natura xierqa tal-miżuri previsti mid-deċiżjoni kontenzjuża.

80. Fil-fatt, kif dan jirriżulta mill-punti 65 sa 70 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-rwol tal-Kummissjoni f'dan il-każ jikkonsisti fil-verifika dwar jekk l-impenji meħuda mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jiżgurawx il-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern; mill-banda l-oħra ma għandhiex teżamina jekk jeżistux miżuri utli oħra li huma inqas vinkolanti għal dan l-Istat Membru u għall-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna.

81. Minn dan isegwi li t-tieni aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jiena nipproponi li d-digrieti appellati għandhom jiġu annullati sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala ineffettivi l-argumenti magħmula fit-tieni sas-seba' motivi tar-rikorsi tal-ewwel istanza, li jirrigwardaw l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni dwar l-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna eżistenti qabel il-modifika tagħha.

Fuq il-konsegwenzi tal-annullament tad-digrieti appellati

83. Skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ladarba l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Tista' wkoll jew hija stess tiddeċiedi definittivament it-tilwima, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

84. Inqis li t-tilwima ma hijiex fi stat li tiġi deċiża. Fil-fatt, l-eżami tal-fondatezza tal-argumenti tal-appellanti jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' fatt abbażi ta' elementi li ma ġewx evalwati mill-Qorti Ġenerali fid-digrieti appellati, peress li hija skartat dawn l-argumenti bħala ineffettivi. Barra minn hekk, l-allegazzjonijiet fattwali dwar il-mertu tat-tilwima ma kinux diskussi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Konklużjoni

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digrieti appellati u tirrinvija l-kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali, filwaqt li tirriżerva l-ispejjeż.

26 — Sentenzi tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100, punt 72), kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (C-133/12 P, EU:C:2014:105, punt 59).